

31982R1559

18.6.1982

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 172/23

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1559/82  
tas-17ta' Ġunju 1982**

**li jemenda għas-sitt darba r-Regolament (KEE) Nru No 2730/81 li jistabbilixxi lista ta' aġenziji fi stati mhux  
membri importaturi awtorizzati li joħorġu appalti dwar il-ħalib u dwar prodotti tal-ħalib**

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill(KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib<sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KEE) Nru 1183/82<sup>(2)</sup>, u partikolarmen permezz ta' Artikolu 13(3) u 17 (4) fl-istess Regolament,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2730/81<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KEE) Nru 928/82<sup>(4)</sup>, li jistabilixxi lista ta' aġenziji fi stati mhux membri importaturi awtorizzati li joħorġu appalti fis-setturi tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib;

Billi minħabba l-iktar informazzjoni reċenti disponibbli lill-Kummissjoni dwar pratti fil-kummerċ illi jiggwidaw lill-pajjiżi

importaturi konċernati u n-natura uffiċjali ta' l-aġenziji in kwistjoni dan ir-Regolament għandu jiġi emendat;

Billi l-miżuri li hemm provdu f'dan ir-Regolament jikkonformaw ma l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni tal-ħalib u Prodotti tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness għar-Regolament (KEE) Nru 2730/81 qed jiġi emendat kif ġej:

Il-lista ta' l-organizzazzjonijiet li joħorġu appalti għandha tkun kompletata biż-żieda ta' dawn l-organizzazzjonijiet, u ż-żieda għandha tiġi mdaħħla b'ordni alfabetika skond l-istat illi qed jimporta:

<i>Stat importatur</i>	<i>Organizzazzjoni li toħroġ l-appalt</i>
Qatar	Government of Quatar Central Tenders Comitee Ministry of Petroleum and Finance Doha State of Quatar
Sirja	Societe Arabe pour les Medicaments Boite Postal 976 Damascus

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fit-tielet jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Ufficijali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussels, fis-17 ta' Ġunju 1982.

*Għall-Kummissjoni*

Poul DALSAGER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.

<sup>(2)</sup> ĠU L 140, ta' l-20.5.1982, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 272, tas-26.9.1981, p. 25.

<sup>(4)</sup> ĠU L 110, tat-23.4.1982, p. 15.